Mellieħa

13 ta' Jannar 2021

# IT-TMIEN KUNSILL

### AĠENDA Numru 22

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fl-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **22** li ser issir b'mod virtwali permezz ta' Teams nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2021 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tiġi rrekordjata u l-filmat tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

### AĠENDA

22.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

22.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

22.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

22.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

22.5. Ħruġ ta' sejħa għall-offerti dwar estensjoni ta' *culverts* għall-ilma tax-xita fi Triq il-Qortin u Triq Għajn Żejtuna;

22.6. Twaqqiegħ ta' strutturi dilapidati fil-Fortizza ta' Campbell;

22.7. Bini mill-ġdid tal-latrini pubblika fl-Għadira;

22.8. Mozzjoni dwar l-Estimi Finanzjarji 2021;

22.9. Mozzjoni dwar l-ħlas ta' *performance bonus* lill-impjegati;

22.10. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi;

22.11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## MOZZJONI

22.8. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:-

"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u

U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 20 u 21 tat-13 ta' Novembru 2020, u l-22 ta' Diċembru 2020, rispettivament, kif ukoll saret laqgħa tal-lokalità għar-residenti fil-15 ta' Diċembru 2020, skont ma jitlob l-imsemmi Att;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2021, skont l-abbozz finali mressaq.".
(F/1/32)

Dario Vella
Sindku (Proponent)

Emvin Bartolo
Kunsillier (Sekondant)

22.9. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:

"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (L.S. 363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill; u

Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2020 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz mill-uffiċjali mpjegati mal-Kunsill matul is-sena 2020, kif deskritt fil-*Performance Appraisal Report* li ġie mħejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għas-Sena Finanzjarja 2020, is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-impjegati l-oħra eliġibbli, għandhom jitħallsu *performance bonus*, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa f'Diċembru 2019, skont il-perċentwali indikati fl-istess rapporti.". (Wages)

Dario Vella
Sindku (Proponent)

Ivan Castillo
Kunsillier (Sekondant)